MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2013

Numru. 1412/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Stefan Esposito, ta’ 26 sena iben Emanuel u Carmen nee’ Zammit, imwieled Pieta’ nhar il-11 ta’ Lulju 1987, residenti 48, Ciklama, Triq Santa Duminka, Zabbar detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 315187(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Stefan Esposito akkuzat:

1. talli nhar it-22 ta’ Dicembru 2011, ghal habta ta’ bejn is-18:30 hrs u is-19:30hrs, gewwa il-fond, 48, Ciklama, Triq Santa Duminka, Zabbar volontarjament hebb ghal

persuna ta’ huh Alexander Esposito u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ delitt liema delitt ta’ ferita gravi ma giex ezegwiet minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa permezz ta’ strument li jaqta u/jew bil-ponta fuq il-persuna ta’ Alexander Esposito skond kif iccertifika Dr. Malcolm Paul Galea mic-Centru Tas-Sahha ta’ Floriana.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-23 ta’ Dicembru 2011 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwiziti f’dina l-kawza jirrizulta illi l-isfond ghal dana l-incident familjari kien disgwid bejn l-imputat u membri tal-familja tieghu fosthom huh l-parti leza Alexander Esposito. Il-bazi ghal dana l-inkwiet kien il-fatt illi l-imputat ma kienx jerfa’ ir-responsabbiltajiet tieghu fil-familja, ma kienx jahdem u ma kienx jikkontribwixxi finanzjarjament ghall-ghejxien tal-familja tieghu, izda imbaghad kien jippretendi li ighix minn fuq dahar il-genituri tieghu u hutu. Jidher illi huh Alexander ma kienx kuntent b’dina is-sitwazzjoni u jallega sahansitra illi l-imputat mhux biss ma kienx jahdem u jaghti l-kontribut tieghu izda sahansitra kien anke jisraqlu flusu billi huma t-tnejn kienu jorqdu fl-istess karma. Tant illi Alexander wasal fi stat illi beda isakkar l-affarijiet tieghu personali sabiex l-imputat ma ikollux access liberu ghalihom. Illi l-incident mertu ta’ dina l-kawza ghalhekk kellu bhala sfond dina l-problema familjari. Jidher illi dina ma kenitx l-unika okkazzjoni illi l-ahwa kienu tlewwmu u jidher illi f’kull okkazzjoni

Alexander kien ikun piuttost aggressiv lejn huh tant illi fil-jum ta' qabel dana l-incident kien sehh argument bejniethom u l-imputat kien mar jaghmel rapport gewwa l-ghassa tal-pulizija. Illi ghalhekk fil-jum ta'l-incident jidher illi l-imputat kien sema lil huh Alexander ighid lil ommhom diskors fis-sens illi beda jinsisti maghha illi hija tiehu il-passi sabiex tkecci lill-imputat mid-dar. L-omm jidher illi ma xtaqitx taghmel dan. L-imputat ghalhekk beda jargumenta ma' huh Alexander fuq dana il-fatt. F'dan il-waqt hu dahal fil-kcina u qabad sikkina b'idejh biex isajjar biha. Jidher illi f'dana il-mument huh Alexander hebb ghalih minn wara u gew fl-idejn. L-imputat bhala reazzjoni ghal dina l-agressjoni beda ixejjer idejh b'dina is-sikkina f'idu u b'hekk spicca laqat lil huh f'ghonqu u fuq rasu. Hawnhekk Alexander gidem idejn huh u dina is-sikkina waqqghet mal-art. Fil-pront jidher illi xi familajri ohra taghhom irnexxielhom jifirduhom u wasslu il-pulizija u arrestaw lill-imputat.

L-imputat jigi interrogat fejn hwua jichad illi kien hebb ghal huh jew li ried jikkagunalu xi griehi. Ighid illi huwa kien qed isajjar b'sikkina f'idu meta huh hebb ghalih u ipprova jahtaflu dina is-sikkina minn idu bil-konsegwenza li wegghu. Kien hawn li hu beda ixejjer idejh u laqat lil huh.

Kemm mix-xhieda ta' Alexander Esposito kif ukoll ta' ommu johrog car illi kien Alexander li l-ewwel li hebb ghal huh. Ighid illi kien hu li beda jargumenta ma'l-imputat u hebb ghalih u l-imputat li kien bis-sikkina f'idu ghax kien qed isajjar biha beda ixejjirha fid-direzzjoni tieghu. Ighid illi dina is-sikkina ma bediex ixejjirha lejh izda beda ixejjer "lejn kullimkien". Ommhom Carmen Esposito tghid:

"**Iva, il-glied Alex bdieh. Kieku Alex ma ghamillux hekk, Stefan ma kienx isawtu. Ghax Stefan isajjar ried u jiekol**."

Izda huh oggezzjona ghal dan il-fatt ghax dehrlu illi gialdarba huwa ma kienx qed jikkontribwixxi finanzjarjament ghall-ispejjez tad-dar, allura ma kellux dritt jiekol mill-ikel taghhom. Fil-fatt l-omm tikkonferma illi l-

glied kien jinqala' ghaliex hutu kienu jarawh, ... "**jigi, jiekol u ma jhallix flus**."[1]
Tkompli tghid:

**Alex dejjem jibda il-glied. Ghall-idejn, ghall-idejn, ghax jaf li ma jeghlbux**.

Ikkunsidrat,

Illi fl-isfond ta' dawn il-provi, id-difiza qieghda tinvoka l-iskriminanti tal-legittima difeza u dana a tenur ta'l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi testwalment:

"**Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna …. huma mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor**."

Illi f'sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995 f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila jinghad fuq dina l-iskriminanti:

***"Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi agressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cjoe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu ikun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cjoe' li f'dak il-mument li kien***

[1] Ara xhieda ta' Carmen Esposito a fol. 39

***qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw*.”**

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ighid il-Professur Mamo:

**“*the danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time*.”**

Tkompli: **“*Fl-ahharnett biex l-imputat ikun jista' jigi gustifikat ghal kollox fid-difiza legittima, huwa m'ghandux jadotta metodi li huma in eccess jew sproporzjonati ghal-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu*.”**

Issa jekk wiehed jezamina sew ix-xhieda li hemm fl-atti u dana b'mod partikolari dik tal-parti leza stess u ta'l-omm jirrizulta bla ebda dubbju ta' xejn li l-elementi kollha fuq esposti biex tkun gustifikata l-uzu tal-forza in legittima difiza kollha jirrikorru. Illi ma hemmx dubbju illi fiz-zmien ta'l-incident mertu tal-kawza, kien hemm problema serja fil-familja ta'l-imputat minhabba il-fatt illi huwa ma kienx gharaf jerfa' ir-responsabbiltajiet f'hajjtu u imidd ghonqu ghax-xoghol biex jaqla' l-ghejxien tieghu. Jidher illi illum dawn iz-zewgt ahwa gharrfu isolvu dana id-disgwid u dana kif jirrizulta mill-ahhar xhieda li jaghti Alexander Esposito fil-kawza. Illi ma hemmx dubbju illi kienet okkazzjoni komuni illi dawn iz-zewgt ahwa jilletikaw. Jidher illi kien dejjem il-parti leza li kien jibda' dawn l-argumenti u dana minhabba l-fatt illi l-imputat ma kienx jahdem u kien ighix minn fuq daharhom u sahansitra jisirqu. Jidher illi f'dawn l-argumenti spiss kien jigri illi Alexander kien ihebb ghal huh u kwindi fil-jum ta'l-incident mertu tal-kawza, l-imputat meta ra lil huh gej ghalih kien ben konxju tal-fatt illi kien ser ihebb ghalih u jattakkah u ghalhekk istantanjament irreagixxa u beda ixejjer is-sikkina li kellu f'idejh f'kull direzzjoni biex jipprova ibieghed lil huh minnu. Minn dak li jistqarr l-imputat fl-istqarrija tieghu huwa ma kellu l-ebda intenzjoni jattakka lil huh biha

jew jikkagunalu xi griehi izda ried biss jiddefendi ruhu minn dina l-agressjoni. Kwindi l-elementi legali li isawwru dina l-iskriminanti huma kollha ippruvati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tara li l-imputat kien gustifikat li jagixxi b'dak il-mod taht legittima difiza ghalih innifsu u stante li dina il-linja difenzjonali u eccezzjoni qed tigi milqugha tara ghalhekk illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ma gewx ippruvati u ghalhekk il-Qorti mhux ser issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------